# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**Aġent President**

**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 27 ta' Novembru 2017**

**Rikors maħluf numru 296/2009 JZM**
**Numru 1**

**Stephen Grech**

***v.***

**L-Onorevoli Prim'Ministru; l-Onorevoli Ministru għall-Komunikazzjoni u Proġetti Nazzjonali; l-Onorevoli Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment; *Chairman* tal-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta; Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud; u l-Avukat Ġenerali**

1. Dan huwa appell minn dik il-parti tas-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Settembru 2013 li sabet illi l-imposizzjoni ta' taxxa tar-reġistrazzjoni ta' vetturi użati taħt id-disposizzjonijiet tal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur ["Kap. 368"]

fuq l-ewwel reġistrazzjoni ta' vetturi użati importati minn pajjiż ieħor tal-Unjoni Ewropea hija bi ksur tal-art. 90 tat-Trattat dwar il-Komunità Ewropea[1] ["it-Trattat"] u tat-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ["id-Direttiva"]. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. L-attur daħħal f'Malta mir-Renju Unit vettura użata li ġà kienet reġistrata fir-Renju Unit, li t-taxxa tar-reġistrazzjoni u t-taxxa fuq il-valur miżjud dwarha kienu ġà tħallsu mis-sid ta' qabel. Meta daħħal il-vettura f'Malta l-attur ġie mgħarraf li biex jirreġistra l-vettura f'Malta kellu jħallas tletin elf, erba' mija u tmienja u erbgħin euro u tlittax-il ċenteżmu (€30,448.13), maqsuma hekk: ħamsa u għoxrin elf, seba' mija u tlieta u disgħin euro u tlieta u sittin ċenteżmu (€25,793.63) taxxa ta' reġistrazzjoni u erbat elef, sitt mija u tnejn u erbgħin euro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€4,642.85) taxxa fuq il-valur miżjud[2].

3. Billi deherlu illi kien qiegħed jiġi mġiegħel iħallas it-taxxa ta' reġistrazzjoni u t-taxxa fuq il-valur miżjud għal darbtejn, l-attur ħallas taħt protest u fetaħ din il-kawża tallum li biha qiegħed jitlob illi l-qorti:

> »1. tiddikjara u tiddeċiedi li l-impostazzjoni tal-ewwel reġistrazzjoni kalkolata *ai termini* tal-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta fuq ir-reġistrazzjoni f'Malta ta' vetturi użati proprjetà tar-rikorrenti provenjenti mill-Unjoni Ewropea u l-impostazzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud *ai termini* tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta fuq it-taxxa tal-ewwel reġistrazzjoni fuq il-vetturi proprjetà tar-rikorrenti tmur, *inter alia*, kontra l-artikolu 90 tat-Trattat tal-Komunità Ewropea u d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ġà s-Sitt Direttiva dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud;

[1] Illum art. 110 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

[2] €25,793.63 + €4,642.85 = €30,436.48, u mhux €30,448.13 kif igħid ir-rikors maħluf.

»2. tiddikjara u tiddeċiedi konsegwentement li l-intimati jew min minnhom applikaw l-istess liġijiet fil-konfront ta' kull wieħed mir-rikorrenti[3] bi ksur tal-artikolu 90 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropeja u/jew bi ksur tad-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/ 112/KE ġà s-Sitt Direttiva dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud;

»3. tiddikjara u tiddeċiedi konsegwentement illi l-impostazzjoni tat-taxxa tal-ewwel reġistrazzjoni f'Malta kalkolata *ai termini* tal-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta fuq il-vettura tar-rikorrenti hija nulla, invalida u mingħajr effett;

»4. tiddikjara u tiddeċiedi *inoltre* illi l-impostazzjoni tal-ħlas tat-taxxa fuq il-valur miżjud fuq it-taxxa tal-ewwel reġistrazzjoni f`Malta fil-konfront tar-rikorrenti hija nulla u invalida u mingħajr effett in kwantu din tmur kontra l-artikolu 90 tat-Trattat tal-Komunità Ewropea u/jew id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ġà s-Sitt Direttiva dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud;

»5. tordna lill-intimati jew min minnhom sabiex jirrifondu lir-rikorrenti dak l-ammont li huwa ġie ordnat illegalment u abużivament iħallas *ai termini* tal-Kapitolu 368 u 406 tal-Liġijiet ta' Malta bi ksur tal-artikolu 90 tat-Trattat tal-Komunità Ewropea u/jew is-Sitt Direttiva dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.«

4. L-ewwel qorti, wara li ħelset lill-Prim'Ministru mill-ħarsien tal-ġudizzju, laqgħet it-talbiet kollha tal-attur b'dan illi t-tieni u l-ħames talbiet intlaqgħu safejn jolqtu lill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta.

5. Il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza safejn tolqot it-taxxa ta' reġistrazzjoni iżda mhux safejn tolqot it-taxxa fuq il-valur miżjud. Il-konsiderazzjonijiet relevanti li wasslu lill-ewwel qorti biex tilqa' t-talbiet dwar it-taxxa ta' reġistrazzjoni ġew imfissra hekk fis-sentenza li minnha sar l-appell:

»Fis-sentenza tagħha tat-18 ta' Settembru 2012 fil-kawża Grech *et v.* Awtorità għat-Trasport f'Malta *et* (li għaddiet in gudikat) din il-qorti … ittrattat fil-mertu fatti, ċirkostanzi, talbiet, eċċezzjonijiet u argumenti simili għal dawk tal-kawża taħt eżami. Din il-qorti sejra tagħmel ampja riferenza għal din is-sentenza fil-konsiderazzjoni ta' dak li ssottomettew il-partijiet fil-kawża tal-lum.

»Fil-kawża ta' Grech *et v.* Awtorità għat-Trasport f'Malta *et* l-atturi kienu xtraw bl-*internet* permezz ta' rkant pubbliku internazzjonali

3 Fil-fatt hemm biss rikorrent (attur) wieħed.

vettura *second hand* tat-tip *Land Rover Freelander*, manifatturata fl-2002, registata fir-Renju Unit, għall-prezz ta' £4,950 ekwivalenti għal €3,693.69. L-attur mar *di persona* l-Ingilterra biex jiffinalizza l-bejgħ u saq il-vettura mill-Ingilterra sa Malta. Għalkemm il-vettura kienet diġà reġistrata f'pajjiż membru tal-UE, u kwindi t-taxxa tar-reġistrazzjoni u t-taxxi l-oħra dovuti fuqha kienu diġà mhallsa, l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta ("l-Awtorità") talbet lil Grech biex jikkonsenja n-numri ta' registrazzjoni u l-*logbook* tal-vettura. *Inoltre* sabiex isir użu tal-vettura ġewwa Malta, l-Awtorità talbet lil Grech biex jirreġistraw il-vettura mill-ġdid, biex iħallas taxxa tal-ewwel reġistrazzjoni fis-somma ta' Lm4,200 (ekwivalenti għal €9,783.37), u jħallas taxxa fuq il-valur miżjud fuq din it-taxxa fl-ammont ta' Lm756 (ekwivalenti għal €1,761), b'kollox Lm4,956, ekwivalenti għal €11,544.37. L-atturi ħallsu lill-Awtorità taħt protest l-ammont pretiż minnhom [*recte*, minnha, *i.e*. mill-Awtorità] però rrizervaw id-drittijiet tagħhom fil-liġi għar-rifużjoni ta' dak il-ħlas. Barra minn hekk, talbu li jingħataw lura r-*registration plates* u l-*logbook* oriġinali.

»Il-fatti tal-kawża tal-lum huma simili. L-attur xtara u akkwista mir-Renju Unit vettura *Ferrari 328 GTB second hand* sabiex iġibha Malta. Fl-Ingilterra, il-vettura kienet reġistrata bin-nru D89 GBF. Għamel il-ħlasijiet kollha rikjesti skond il-liġi Ingliża. Ir-*registration tax* u l-*VAT* fl-Ingilterra kienu diġà mħallsa mill-*previous owner*. Meta l-vettura waslet Malta, u l-attur mar biex jirreġistra l-vettura, kien infurmat illi biex jirreġistra l-vettura kellu jħallas €30,448.13, in kwantu għal €25,793.63 bħala *registration tax* u in kwantu għal €4,642.85 bħala *VAT*. L-attur ħallas il-figura ta' €30,448.13 *under protest* għaliex skond l-attur l-awtoritajiet Maltin kienu qegħdin jagħtu interpretazzjoni skorretta tal-liġi domestika u tal-liġi tal-UE. L-attur għamel din il-kawża sabiex *inter alia* jieħu lura dak li ħallas.

»Fil-kawża ta' <u>Grech *et v.* Awtorità għat-Trasport f'Malta *et*</u> dawn kienu t-talbiet :

»"i) tiddikjara u tiddeciedi li l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta kisret l-artikolu 90 tat-Trattat dwar il-Komunità Ewropea meta esiġiet il-ħlas tat-taxxa tal-ewwel reġistrazzjoni … … … sabiex l-imsemmija vettura *Land Rover Freelander* tiġi reġistata f'Malta;

»"ii) konsegwentement tiddikjara li d-deċiżjoni tal-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta li biha stabbiliet it-taxxa tal-ewwel reġis-trazzjoni hija nulla, invalida u bla effett in kwantu tmur kontra l-artikolu 90 tat-Trattat dwar il-Komunità Ewropea;

»"iii) tiddikjara u tiddeċiedi li l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta kisret il-liġi wkoll meta esiġiet il-ħlas tat-taxxa fuq il-valur miżjud fuq l-imsemmija taxxa ta' reġistrazzjoni;

»"iv) konsegwentement tiddikjara li d-deċiżjoni tal-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta li biha esiġiet il-ħlas tat-taxxa fuq il-valur miżjud fuq l-imsemmija taxxa għar-reġistrazzjoni hija nulla, invalida u bla effett;

»"v) konsegwentement, tikkundanna lill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta sabiex tirrifondi lill-esponenti l-ammont imħallas minnhom illegalment kif fuq ingħad.

»Huwa evidenti li t-talbiet tal-attur fil-kawża tal-lum huma impostati fuq l-istess binarji.

»Fil-kawża ta' <u>Grech *et v.* Awtorità għat-Trasport f'Malta *et*</u> id-difiża tal-konvenuti fil-mertu kienet prattikament l-istess għal dik tal-konvenuti fil-kawża tallum u *cioè*:

»i) illi bil-fatt li ntalab il-ħlas tat-taxxa ta' reġistrazzjoni għall-vettura *de qua* ma kienx hemm ksur tal-art. 90 tat-Trattat tal-UE għaliex it-taxxa ta' reġistrazzjoni stabbilita a tenur tal-art. 3 tal-Kap. 368 ma tmurx kontra l-art. 90 tat-Trattat tal-UE;

»ii) illi l-ħlas tat-taxxa fuq il-valur miżjud kien rikjest skond klawsola 12 tas-Seba' Skeda tal-Kap 406;

»iii) illi l-istati membri tal-UE huma ħielsa li jeżerċitaw il-kontroll tagħhom fil-qasam tat-tassazzjoni tal-vetturi. Dan id-dritt qatt ma kien kontestat mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja;

»iv) illi bit-taxxa ta' reġistrazzjoni mhix qiegħda tkun imposta, direttament jew indirettament, taxxa oħra fuq prodotti ġejjin minn stati membri tal-UE. Malta m'għandhiex manifattura domestika ta' vetturi u għaldaqstant ma jistax ikollha taxxa li tipproteġi l-prodotti domestiċi bi ksur tal-art. 90;

»v) illi d-dazju ta' reġistrazzjoni hu direttament marbut mal-akkwist tal-vettura u għalhekk għandu jiġi inkluż fl-ammont tal-akkwist li fuqu titħallas it-taxxa fuq il-valur miżjud.

»Fil-kawża ta' <u>Grech *et v.* Awtorità għat-Trasport f'Malta *et*</u> il-qorti għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet fil-mertu:-

»1) illi l-art. 90 tat-Trattat tal-UE jipprovdi :

> »"No Member State shall impose, directly or indirectly, on the products of other Member States any internal taxation of any kind in excess of that imposed directly or indirectly on similar domestic products. Furthermore, no Member State shall impose on the products of other Member States any internal taxation of such a nature as to afford indirect protection to other products."

»2) illi l-għan tal-ewwel paragrafu tal-artikolu 90 tat-Trattat ingħad li hu:

> »"… … … as the Court has consistently held (see most recently the judgment in Case 252/86 Bergandi v Directeur General des Imports (1988) ECR 1343) that the aim of Article 95 as a whole is to ensure free movement of goods between the Member States in normal conditions of competition by the elimination of all forms of protection which may result from the application of internal taxation that discriminates against products from other Member States. This Article 95 must guarantee the complete neutrality of internal taxation as regards competition between domestic products and imported products." (Commission v. Denmark – C-47/1988).

»Fl-istess sentenza jingħad illi:

> »"A product becomes a domestic product as soon as it has been imported and placed on the market. Imported used cars and those bought locally constitute similar or competing products. Article 957 therefore applies to the registration duty charged on the importation of used cars."

»3) illi ma treġix it-teżi tal-konvenuti li l-artikolu 90 ma japplikax għall-każ ta' vetturi peress li l-vetturi ġodda u użati li hawn fis-suq "huma ta' oriġini barranija";

»4) illi irrispettivament ta' x'setgħet kienet ir-raġuni għall-imposta, xorta jrid jiġi kkunsidrat jekk bil-ġbir tat-taxxa ta' reġistrazzjoni seħħx ksur tal-artikolu 90;

»5) Illi fil-kaz ta' Commisson *v.* Denmark, il-qorti osservat:

> »"Accordingly, even if it appears that by reason of the very large amount of tax levied on new cars the portion of the duty still incorporated in the value of the vehicle is written off more slowly in Denmark than in other Member States which levy a lower duty, that does not prevent the levying of a registration duty for which the basis of assessment is at least 90% of the value of the car when new from constituting generally over-taxation of the vehicles in comparison with the residual registration duty in the case of previously registered used cars bought on the Danish market, whatever their age or condition."

»6) illi fil-kaz nru 393/98 Ministério Público and António Gomes Valente *v.* Fazenda Pública tat-22 ta' Frar 2001, il-Qorti Ewropea ddikjarat :

> »"It does, not however, follow from the case-law cited in paragraphs 21 to 23 of this judgment that the actual depreciation of the vehicles cannot be taken into account otherwise than by means of an assessment or expert examination of each of them. Avoiding the administrative burden inherent in such a system, a Member State might be able to establish, by means of fixed scales determined by statute, regulation or administrative provision and calculated on the basis of criteria such as a vehilcle's age, kilometrage, general conditon, method of propulsion, make or model, a value for second-hand vehicles which, as a general rule, would be very close to their actual value. In drawing up those scales, the authorities of a Member State might refer to a guide indicating the average prices of second-hand vehicles in the national market or to a list of average current prices used as a reference in the sector."

»7) illi f'sentenza oħra fil-kaz Commission *v.* Hellenic Republic (C-375/95) il-qorti osservat li s-sistema ta' vetturi għandha tassigura li:

> »"the taxable value imputed to the imported second hand vehicle by the revenue authorities … … … faithfully reflect(s) the value of a similar second-hand vehicle already registered on the domestic market."

»8) illi l-prinċipju li joħroġ mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea hu li t-taxxa ta' reġistrazzjoni fuq vettura li għandha tant snin m'għandhiex teċċedi l-ammont ta' taxxa (*residual tax*) li jkun inkluż fil-valur ta' vettura simili fis-suq lokali li tkun ilha reġistrata lokalment għall-istess snin;

»9) illi fil-fehma tal-qorti l-imposizzjoni ta' ammont ta' Lm4,200 bħala taxxa minima ta' reġistrazzjoni fil-każ ta' vetturi *second hand* b'magna b'kapaċità ta' bejn 1800 cc u mhux iktar minn 2000 cc u impurtati f'Malta, irrispettivament mit-taxxa li kellha titħallas bħala persentaġġ tal-valur *ad valorem* skond l-istima li tagħmel l-Awtorità, hu biżżejjed biex jiġi ddikjarat li l-liġi Maltija kellha effett li tiddiskrimina fir-rigward ta' vetturi *second hand* li jiġu impurtati minn pajjiżi membri tal-Unjoni Ewropea. Biżżejjed li wieħed jiftakar li f'dan il-każ l-istima tal-valur tal-vettura li għamlet l-Awtorità kienet ta' Lm3,053 u l-attur intalab li

jħallas taxxa ta' reġistrazzjoni ta' Lm4,200, cjoè Lm1,147 iktar milli tiswa l-vettura. Għalhekk l-imposizzjoni fuq l-importatur ta' taxxa minima ta' Lm4,200 irrispettivament tal-valur tal-vettura kien imur kontra l-obbligu li jimponi l-art. 90. M'hemmx dubju li taxxa ta' reġistrazzjoni ta' Lm4,200 fuq vettura li ġiet stamata li tiswa Lm3,053 ifisser li t-taxxa teċċedi dik li tissejjaħ bħala "*residual tax*" inkorporata fil-valur ta' vetturi simili li huma diġà reġistrati f'Malta;

»10) illi fis-sentenza tagħha tat-18 ta' Jannar 2007 fil-kaz <u>Maciej Brzeziński *v.* Dyrektor Izby Celnej w Warszawie</u> (C-313/05) tat-18 ta' Jannar 2007 il-Qorti Ewropeja qalet hekk:

> »"40. It is settled law that a system of taxation may be considered compatible with Article 90 EC only if it is so arranged as to exclude any possibility of imported products being taxed more heavily than similar domestic products, so that it cannot in any event have discriminatory effect (Haahr Petroleum, paragraph 34, and Case C-375/95 Commission v Greece [1996] ECR I-5981, paragraph 29).
>
> »"41. It follows from the foregoing considerations that the answer to the second and third questions referred must be that the first paragraph of Article 90 EC is to be interpreted as meaning that it precludes an excise duty, in so far as the amount of the duty imposed on second-hand vehicles over two years old acquired in a Member State other than that which introduced such a duty exceeds the residual amount of the same duty incorporated into the market value of similar vehicles already registered in the Member State which introduced that duty."

»11) illi għalkemm il-liġi Maltija kienet tistabilixxi taxxa minima ta' Lm4,200 fuq it-tip ta' vettura li ġabu l-atturi, dak l-ammont kien qiegħed jikser il-liġijiet tal-Unjoni Ewropea in kwantu mhux kompatibbli mal-artikolu 90 tat-Trattat. L-art 3 tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea jipprovdi:-

> »"(1) Mill-ewwel ta' Mejju 2004, it-Trattat u atti eżistenti u futuri adottati mill-Unjoni Ewropea għandhom jorbtu lil Malta u għandhom ikunu parti mil-liġi domestika tagħha taħt il-kondizzjonijiet stipulati fit-Trattat.
>
> »"(2) Kull disposizzjoni ta' liġi li mid-data msemmija tkun inkompatibbli mal-obbligazzjonijiet ta' Malta taħt it-Trattat jew li tidderoga minn xi dritt mogħti lil xi persuna bit-Trattat jew taħtu għandha, safejn dik il-liġi tkun inkompatibbli ma' dawk l-obbligazzjonijiet jew safejn tkun tidderoga minn dawk id-drittijiet, tkun bla effett u ma tkunx tista' tiġi infurzata."

»12) illi għalhekk il-qorti ordnat lill-Awtorità biex trodd lill-atturi t-taxxa ta' reġistrazzjoni żejda li ħallsu l-atturi.

»13) illi għar-rigward tal-ħlas ta' taxxa fuq il-valur mizjud, … … …

»… … …

»Din il-qorti tagħmel tagħha dawn il-konsiderazzjonijiet u tgħid illi jgħoddu *mutantis mutandis* għall-kawża tal-lum.

»Tagħmel ukoll dawn l-osservazzjonijiet anke wara li qieset is-sottomissjonijiet tal-partijiet –

»1) illi fatt li jagħmel il-kaz tal-lum differenti minn dak ta' Grech *et v.* Awtorita għat-Trasport f'Malta *et* huwa li l-vettura tal-każ tal-lum kellha ċilindrata in eċċess tal-2000 cc;

»2) illi l-vettura in kwistjoni daħlet Malta f'Novembru 2008 fi żmien fejn l-istat tad-dritt ma kienx dak li huwa llum. Kellha *invoice value* ta' GBP 26,000;

»3) illi l-art. 3 tal-Kap 368 kif kien dak iż-żmien kien jitkellem dwar *excise duty* mhux dwar *first registration tax*. It-taxxa tolqot il-vetturi kollha li jiġu minn barra – kemm dawk provenjenti mill-UE kemm jekk minn barra l-UE – kemm jekk il-vettura tkun ġdida kif ukoll jekk tkun *second hand*. Id-differenza tinsab fir-rati;

»4) illi għar-rigward tat-taxxa fuq il-valur miżjud, … … …;

»5) illi b'effett mill-1 ta' Diċembru 2009, daħal fis-seħħ it-Trattat ta' Lisbona li ħa post it-Trattat tal-UE, bl-art. 90 jiġi sostitwit bl-art. 110. Id-diċitura baqgħet l-istess;

»6) illi fid-deposizzjoni tiegħu, Brian Farrugia mill-Awtorita konvenuta fisser lill-qorti kif inħadem l-ammont li tiegħu l-attur qiegħed jitlob ir-rifużjoni f'din il-kawża. L-ammont reklamat mhux kontestat bħala *quantum*. U daqstant ieħor mhux kontestat illi kienet l-Awtorità konvenuta li rċeviet il-ħlas;

»7) illi l-kwistjoni kollha hi jekk l-attur kienx diskriminat bil-mod kif tħaddem l-art. 3 tal-Kap. 368 fil-konfront tiegħu u kif sar il-kalkolu tal-*VAT*.

»8) illi waqt it-trattazzjoni tal-kawża, il-partijiet missew il-punt ċentrali tal-kawża u *cioè* jekk fil-qasam tal-akkwist ta' vetturi *second hand* kienx it-trattament tal-attur bl-ammonti li kien imġiegħel iħallas dis-kriminatorju meta mqabbel ma' persuni oħra li jakkwistaw fis-suq lokali. Bil-prinċipju tal-*free movement of goods* bejn il-pajjiżi membri tal-UE bħala sfond, mhux rilevanti jekk il-prodott in kwistjoni huwiex manifatturat fis-suq lokali inkella le. Rilevanti hija l-kwistjoni jekk prodott li jinbigħ lokalment (fil-każ tal-lum vettura *second hand* anke jekk mhux manifatturat Malta) għandux *in real terms* jiġi jiswa ferm anqas milli kieku l-prodott jiġi akkwistat minn pajjiż membru tal-UE. U jekk jiġri hekk huwiex dak każ ta' diskriminazzjoni għaliex jiffavorixxi l-akkwist ta' prodotti mis-suq lokali a skapitu ta' oħrajn simili li jiġu minn barra. Din il-qorti – kif ingħad fis-sentenza ta' Grech *et v.* Awtorità għat-Trasport f'Malta *et* – tgħid li hemm diskriminazzjoni. L-argument tal-konvenuti illi vettura *second hand* mibjugħa Malta xi darba kienet gdida ma jgħoddx għall-kaz tal-lum. Ix-xebh irid isir fuq bażi ta' *like with like*. Il-kwistjoni quddiem din il-qorti mhijiex ta' vettura li daħlet Malta ġdida, inbiegħet ġdida Malta u wara nbiegħet *second hand* Malta; il-każ huwa ta' vettura *second hand* – anke jekk *Ferrari* – li nxtrat barra minn pajjiż membru tal-UE u ġiet biex tiġi reġistrata Malta. Il-valur ta' din tal-aħħar ma jistax ikun tali illi ma jagħmilx proporzjon ma' kemm kien il-valur tagħha bit-taxxi b'kollox qabel rifset Malta. Għalhekk id-diskriminazzjoni u l-ksur tal-art. 90 (illum art. 110 tat-Trattat ta' Lisbona) għaliex bl-imposizzjoni tat-taxxa tas-sisa u l-*VAT* fuq il-prodott li ġie mill-UE kien qiegħed jieħu vantaġġ prodott tal-istess ġeneru fis-suq lokali.

»9) In kwantu għall-imposizzjoni tal-*VAT*, … … …

»10) Il-qorti ssostni dak illi ngħad fil-kawża Grech *et v.* Awtorità għat-Trasport f'Malta *et* illi l-art. 3 tal-Kap. 368, kif kien fiż-żmien li l-vettura *de qua* waslet Malta, u kif kien implimentat fil-każ tal-attur, kien imur kontra l-art. 90 tat-Trattat tal-UE (illum l-art. 110 tat-Trattat ta' Lisbona), ixekkel il-prinċipju tal-*free movement of goods* bejn pajjiżi fl-UE u jagħti vantaġġ lid-*domestic market*.

»11) Ladarba l-ammont reklamat tħallas lill-Awtorità konvenuta għandha tkun hi mhux il-konvenuti l-oħra li jagħmlu r-rifużjoni.

»*Decide*

»Għar-raġunijiet kollha premessi, il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi –

»… … …;

»… … … tillibera lill-Onorevoli Prim'Ministru mill-osservanza tal-ġudizzju;

»… … …

»tilqa' l-ewwel, it-tielet u r-raba' talbiet;

»tilqa' t-tieni talba limitament fil-konfront tal-Awtorità konvenuta;

»tilqa' l-ħames talba limitatament fil-konfront tal-Awtorità konvenuta billi tordna lil din l-Awtorità konvenuta sabiex trodd lill-attur is-somma ta' tletin elf, erba' mija tmienja u erbgħin Euro tlettax-il ċenteżmu (€30,448.13) bl-imgħax legali b'effett mil-lum.

»Bl-applikazzjoni tal-art 223(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta tordna li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha.«

6. Minn din is-sentenza appellaw il-konvenuti rappreżentanti tal-Gvern ta' Malta b'rikors tas-16 ta' Ottubru 2016 u appellat ukoll l-Awtorità għat-Trasport f'Malta ["l-Awtorità"] b'rikors tas-17 ta' Ottubru 2013, li huwa identiku għal dak tal-konvenuti l-oħra. L-appelli saru biss minn dik il-parti tas-sentenza li tolqot it-taxxa ta' reġistrazzjoni taħt l-art. 3 tal-Kap. 368; mill-parti li tolqot it-taxxa fuq il-valur miżjud ma sarx appell u dik il-parti tas-sentenza għalhekk hija *res iudicata*.

7. L-attur ma weġibx għall-appelli bil-miktub iżda wieġeb waqt it-trattazzjoni bil-fomm.

8. Fir-rikors tal-appell il-konvenuti fissru hekk ir-raġunijiet li wassluhom jimponu t-taxxa ta' reġistrazzjoni (li fiż-żmien relevanti kienet magħrufa bħala taxxa tas-sisa) fuq il-vettura tal-attur:

> »Kif kienet taħdem it-taxxa taħt il-Kap. 368 tal-Liġijiet ta' Malta
>
> »F'Awwissu tal-2008, meta Stephen Grech niżżel il-vettura tiegħu mir-Renju Unit, kien tremm l-obbligu illi kull vettura kemm ġdida kif ukoll użata tiġi reġistrata mal-Awtorità dwar it-Trasport u dan skont il-provvedimenti tal-liġi kif jinsabu miġbura fl-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (Kap. 368 tal-Liġijiet ta' Malta. Biex tiġi hekk reġistrata l-ewwel iżda riedet titħallas it-taxxa. Din ir-reġistrazzjoni kienet issir darba biss kemm jekk il-persuna kienet ser tuża l-vettura fit-triq, kif ukoll jekk din kienet ser tiddeċiedi illi tħalliha ġo garaxx u ma tużahiex fit-triq;
>
> »Wara s-sena 2008 saru numru ta' tibdiliet f'din il-liġi, iżda għal kaz *in specie* tgħodd u għandha tiġi mistħarrġa l-liġi kif kienet qabel ma daħlu l-emendi fis-sena 2009. Dan naturalment fuq l-istkorta tal-prinċiplu *tempus regit actum*;
>
> »Jingħad li fl-2008, qabel ma saret ir-riforma ta' din il-liġi, l-artikolu 3 tal-Kap. 368 tal-Liġijiet ta' Malta kien jgħid li kellha tinġabar taxxa tas-sisa fuq kull vettura li tiġi importata jew imdaħħla f'Malta. Jiġifieri li fis-sewwa n-*nomen iuris* ta' din it-taxxa ma huwiex proprjament taxxa tal-ewwel reġistrazzjoni, iżda hija sempliċement taxxa tas-sisa. Madankollu għall-finijiet ta' dan l-att ġudizzjarju dawn iż-żewġ terminoloġiji sejrin jintużaw b'mod alternattiv u komplementari;
>
> »Issa l-artikolu 6 ta' din il-liġi kien jiddisponi li kull vettura bil-mutur li tiġi importata f'Malta kellha tiġi kklassifikata mill-Awtorità taħt waħda mill-kategoriji msemmija fl-Ewwel Skeda li hemm mehmuża mal-istess Att tal-liġi. Essenzjalment il-klassifikazzjoni taħt din l-Ewwel Skeda kienet tiddependi miċ-ċilindrata u mill-kapaċità tal-vettura inkwistioni. Aktar ma tkun għolja ċ-ċilindrata u l-kapaċità tal-vettura aktar kien ikun għoli l-perċentaġġ li fuqu tinħadem it-taxxa, dana irrispettivament mill-fatt jekk il-vettura kinitx ġdida jew użata.
>
> »Tajjeb li jiġi spjegat ukoll li r-rata tat-taxxa tas-sisa skont l-artikolu 8 kienet dovuta *ad valorem* fuq il-valur ta' reġistrazzloni tal-vettura klassifikata jew klassifikata proviżorjament taħt l-Ewwel, it-Tieni jew it-Tielet Skeda, bir-rata jew bl-ammont speċifikat skont il-kategorija rispettiva;
>
> »Illi fil-parametri tal-artikolu 9 il-valur ta' reġistrazzioni tal-vettura kellu jiġi determinat bl-istess mod kif jiġi stabbilit il-valur tad-dwana skont l-Att dwar id-Dazji tal-Importazzjoni (Kap. 337 tal-Liġijiet ta' Malta). Dan il-valur tad-dwana jinkorpora fih in-nefqa tal-oġġett (*cost*), l-ispejjeż tal-ġarr lejn il-port jew it-post tal-importazzjoni, il-ħlasijiet dovuti għat-tagħbija, il-ħatt u mmaniġġjar assoċjati mat-trasport (*freight*) u l-ispejjeż tal-assikurazzjoni (*insurance*). Għalhekk bażikament fl-ambitu tal-artikolu 9 fil-valur ta' reġistrazzjoni ta' vettura sew jekk kienet ġdida u sew jekk użata wieħed kellu jqis il-prezz tal-vettura, l-assigurazzjoni u l-ġarr (*cost, insurance and freight)*;

»Dwar il-prezz tal-vettura, l-Awtorità dak iż-żmien kienet toqgħod fuq il-*UK Glass Book* li kien jiġi ppubblikat fuq bażi perijodika. Essenzjalment dan il-ktejjeb kien jistabilixxi l-valur kurrenti ta' kull vettura fis-suq wara li jieħu qies fatturi importanti bħalma huma ż-żmien (*depreciation*) u l-qawwa tal-vettura. L-Awtorità kienet tuża dan il-ktieb għaliex is-suq Ingliż tal-vetturi huwa tista' tgħid viċin ħafna jekk mhux ftit orħos għas-suq Malti;

»Interessanti li b'emenda tal-Att XXXII tal-2007 iddaħħal l-artikolu 9(3) li kien jgħid li fejn il-valutazzjoni ta' vettura bil-mutur użata tkun tiswa anqas mill-valur li jkun jidher fuq il-fattura (*invoice*) li tappartjeni lil dik il-vettura, il-valur tar-reġistrazzjoni ta' dik il-vettura użata għal skop tat-taxxa tar-reġistrazzjoni għandu jkun dak li jkun qed jidher fuq il-fattura li tkun tappartjeni lil dik il-vettura;

»Jiġi b'hekk li l-liġi tagħna fl-2008 kienet tagħti każ tal-valur tad-deprezzament tal-vettura importata għal finijiet ta' kalkolazzjoni ta' taxxa tas-sisa. Tabilħaqq il-valur ta' reġistrazzjoni skont l-artikolu 9 kien maħdum fuq il-prezz attwali jew kurrenti tal-vettura meta din tkun iddaħħlet ġewwa Malta. Jiġifieri jekk il-vettura tkun ġdida allura l-valur tar-reġistrazzjoni tagħha kien ikun imsejjes fuq il-valur tagħha bħala ġdida filwaqt li jekk il-vettura tkun waħda użata l-valur tagħha kien jinħadem fuq il-valur tagħha bħala waħda użata;

»Għalhekk biex kollox jitqiegħed in perspettiva, fiż-żewġ ipoteżijiet, sew jekk il-vettura tkun ġdida u sew jew din tkun użata, il-valur tagħha kien jiġi maħdum skont il-valur kurrenti tagħha, b'dana li fil-każ ta' vettura użata r-rata tat-taxxa ma tinħadimx daqslikieku din kienet ġdida iżda tinħadem wara li jittieħed kont tal-waqgħa (deprezzament) fil-valur tagħha skont kemm il-vettura tkun ilha fiċ-ċirkolazzjoni. Bħala valur *per se* imbagħad, dejjem skont id-dispost tal-artikolu 9, dan jiġi maħdum fuq l-ogħla valur bejn il-valur indikat fil-*UK Glass Book* jew il-valur li jidher fil-fattura (*invoice*) li biha tkun inġabet il-vettura;

»Wara li jiġi stabbilit il-valur ta' reġistrazzjoni tal-vettura imbagħad wieħed irid jara skont l-artikolu 6 taħt liema kategorija ġiet ikklassifikata l-vettura. Malli din tiġi stabbilita wkoll, wieħed irid jimmultiplika l-valur ta' reġistrazzjoni bil-perċentaġġ kif indikat skont ir-rata tal-klassifikazzjoni fl-Ewwel Skeda. L-ammont li joħroġ minn din il-kalkulazzjoni tkun it-taxxa tas-sisa;

»Barra minn hekk, tajjeb li jiżdied jingħad li fl-2008 l-Awtorità dwar it-Transport f'Malta kienet tiġbor ukoll il-*VAT* ta' 18% fuq it-taxxa tas-sisa għan-nom ta' Dipartiment tal-*VAT*;

»B'hekk il-formola ta' kif kienet tinħadem it-taxxa fl-2008 kienet hekk:

»Il-valur ta' reġistrazzjoni tal-vettura
abbażi ta' *cost*, *insurance* u *freight*

×

Il-perċentaġġ atrribwibbli għall-kategorija taħt
liema l-vettura ġiet ikklassifikata skont l-Ewwel Skeda

+

18% *VAT*

»F'dan il-każ partikolari, ħareġ mill-atti li Stephen Grech kien xtara l-*Ferrari 328 GTB* mill-Ingilterra bil-prezz ta' GBP26,000, li mdawwrin fil-munita Euro jiġu €32,987. … Ta' min jgħid li f'dan il-każ il-valur tal-

vettura li kienet tidher fil-fattura tiegħu kienet ogħla mill-valur li kien jidher fil-*Glass Book*. Għalhekk bl-applikazzjoni tal-artikolu 9(3) tal-Kap. 368 tal-Liġijiet ta' Malta fuq imsemmi, bħala prezz l-Awtorità kellha tieħu l-valur tal-vettura kif kienet tidher fil-fattura li ppreżenta s-Sur Grech, jiġifieri dak ta' €32,987. Mal-valur tal-prezz kellu jiżdied l-ammont tal-assikurazzjoni li kien jammonta għal €163.40 … u l-ispiża tal-ġarr li kienet tiswa €1,241.56 … B'hekk it-total tal-valur ta' reġistrazzjoni (*CIF*) tal-*Ferrari* kien ta' €34,392;

»Il-pass li jmiss kien li wieħed jara taħt liema kategorija tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 368 tal-Liġijiet ta' Malta kienet taqa' l-vettura. F'dan ir-rigward il-*Ferrari* li ġiet mixtrija mis-Sur Grech kellha ċilindrata ta' 3185 cc u, peress li din kienet taqbeż iċ-ċilindrata ta' 2000 cc, skont l-Ewwel Skeda *Vera Code Number 1.032.755* ir-rata kienet 75% tal-valur ta' reġistrazzjoni. Għaldaqstant it-taxxa ta' sisa fuq din il-vettura b'ċilindrata kien ta' 75% tal-valur ta' reġistrazzjoni, jiġifieri 75% ta' €34,392 li jammonta għal €25,794;

»Miegħu imbagħad kellu jiżdied taxxa tal-*VAT* ta 18% li tammonta għal €4,642.92;

»Għalhekk b'kollox Stephen Grech kellu jħallas l-ammont ta' €30,436.92, rappreżentanti € 25,794 bħala taxxa tas-sisa u €4,642.92 bħala *VAT*. Jekk wieħed juża l-formola indikata f'paragrafu preċedenti, l-ammont totali inħadem hekk:-

»€34,392 × 75% + 18% = €30,436.92

9. Il-konvenuti mbagħad ressqu l-aggravji tagħhom li, billi huma marbuta ma' xulxin, sejrin jitqiesu flimkien:

»Hekk li ġiet imfissra kif inħadmet it-taxxa tas-sisa fuq l-importazzjoni tal-vettura miġjuba minn Stephen Grech, l-esponenti jistgħu jipproċedu biex jispjegaw lil din l-onorabbli qorti l-għala fil-fehma tagħhom din it-taxxa ma hijiex diskriminatorja u b'hekk lanqas leżiva tal-liġi tal-Unjoni Ewropea;

»Bħala introduzzjoni diġà ngħad aktar kmieni li l-appellat fir-rikors promotur tiegħu sostna li l-impożizzjoni tat-taxxa taħt il-Kap. 368 tal-Liġijiet ta' Malta saret bi ksur tal-artikolu 90 tat-Trattat tal-Komunità Ewropea. Dan l-artikolu wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea, fl-1 ta' Diċembru 2009, ġie rinumerat bħala artikolu 110 iżda bħala kontenut tiegħu dan baqa' l-istess. Biex ma jkunx hemm taħwid u inkomprensjonijiet, għall-iskopijiet ta' dan l-appell, l-esponenti ħa jirreferu għal dan l-artikolu fin-numru oriġinali tiegħu, ċjoè bħala l-artikolu 90. Dan minħabba l-fatt li fil-perijodu li Stephen Grech ħallas it-taxxa f'Awwissu 2008, dan l-artikolu komunitarju kien għadu l-artikolu 90;

»Mela l-eżami li għandu jsir f'din il-kawża jikkonsisti fuq jekk fl-2008, it-taxxa tas-sisa li nġabret fuq il-*Ferrari* ta' Stephen Grech kif fuq imfisser saritx bi ksur tal-artikolu 90 tat-Trattat tal-Komunità Ewropea jew le;

»Essenzjalment bħala daħla legali l-artikolu 90 tat-Trattat tal-Komunità Ewropea jiddisponi li l-ebda Stat Membru m'għandu jimponi direttament jew indirettament xi taxxa interna li tkun tiddiskrimina bejn

prodott lokali u prodott li jkun ġej minn stat membru ieħor. Fi kliem sempliċi prodott li jkun ġej minn barra ma jistax jiġbed lejh taxxa li tkun aktar għolja minn dak li japplika għal prodott lokali. Kif intqal fis-sentenza Il-Kummissjoni *v.* l-Italja (Każ 323/87), "*the purpose of Article 90 EC, as a whole, is to ensure the free movement of goods between the member states under normal conditions of competition, by eliminating all forms of protection which might result from the application of discriminatory internal taxation against products from other member states, and to guarantee absolute neutrality of internal taxation as regards competition between domestic and imported product*";

»Jiġifieri l-għan wara dan l-artikolu huwa li stat membru għandu dejjem japplika l-istess rata ta' taxxa fuq prodotti domestiċi u fuq prodotti importati minn stat membru ieħor, b'dana li l-istat ma jistax jagħti vantaġġi lill-prodotti domestiċi fuq il-prodotti esteri;

> »L-artikolu 90 tat-Trattat tal-Komunità Ewropea ma jipprekludix stat membru milli jimponi taxxa fuq l-importazzjoni ta' vetturi. Ma jippermettix biss li stat membru jimponi taxxa aktar qawwija fuq prodotti barranin meta mqabbel ma' prodotti lokali

»Niġu issa għat-taxxa tas-sisa kif kienet viġenti fl-2008 meta Stephen Grech kien importa l-*Ferrari* ġewwa Malta. F'dan ir-rigward ma jidhirx li hemm kontestazzjoni li skont il-liġi tal-Unjoni Ewropea, stati membri kienu ħielsa (u għadhom ħielsa sal-lum) li jintaxxaw l-importazzjoni ta' vetturi mingħajr limitazzjoni fuq dak li għandu x'jaqsam mal-ammont ta' taxxa imposta jew rati applikabbli. Tassew bħala punt ta' prinċipju l-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja (QEĠ) qatt ma kkontestat id-dritt ta' stat membru li jimponi taxxa ta' reġistrazzjoni fuq vetturi. Dan inkwantu t-taxxa ta' reġistrazzjoni ta' vetturi mhijiex suġġetta għall-armonizzazzjoni Ewropea;

»Madanakollu taxxa tas-sisa jew ta' reġistrazzjoni fuq vetturi tista' tiġi mistħarrġa fl-ambitu tal-jedd tal-Unjoni Ewropea, jekk kemm-il darba kif fuq spjegat din it-taxxa interna tkun qed tiddiskrimina bejn vetturi lokali u vetturi oħra ġejjin minn stat membru ieħor. F'din il-qagħda, ma hemmx dubju li fil-qasam ta' vetturi ġodda wieħed ma jistax jitkellem fuq diskriminazzjoni għaliex hawn Malta m'għandna l-ebda manifattur lokali li jimmanifattura l-vetturi. Kemm hu hekk, biex wieħed jixtri vettura ġdida dan bilfors irid iġibha minn barra minn Malta u ma jistax jixtriha lokalment. B'hekk ladarba fil-qasam tal-vetturi ġodda ma nsibu l-ebda prodott domestiku, l-artikolu 90 tat-Trattat tal-Komunità Ewropea ma jistax jidħol fix-xena billi kulma għandna hawnhekk huwa prodott barrani biss;

»Mhux l-istess però jista' jingħad fil-qasam tal-vetturi użati. Dan għaliex persuna li trid tixtri vettura użata għandha l-fakoltà li tixtriha jew minn Malta stess jew inkella direttament minn barra minn Malta. F'din il-qagħda, ladarba persuna f'Malta għandha l-għażla li tixtri vettura użata minn Malta stess, allura dan neċessarjament ifisser li għandna suq lokali għal vetturi użati. Infatti meta vettura ġdida tkun inġiebet f'Malta u tkun intużat fit-toroq, din tiġi meqjusa bħala vettura użata. Hekk fil-fatt ġie ritenut fis-sentenza Il-Kummissjoni *v.* Id-Danimarka (Każ C-47/1988) li, "*A product becomes a domestic product as soon as it has been imported and placed on the market*";

»Naturalment la għandna prodott domestiku u prodott barrani fis-settur tal-vetturi użati allura l-Istat Malti skont l-artikolu 90 tat-Trattat tal-

Komunità Ewropea huwa obbligat li ma jimponix taxxa aktar oneruża fuq l-importazzjoni ta' vetturi użati biex jagħti aktar vantaġġ lis-suq lokali tal-vetturi użati. Għal darb'oħra b'referenza għall-każ, Kummissjoni *v.* Id-Danimarka, "*Imported used cars and those bought locally constitute similar or competing products. Article 90 therefore applies to the registration duty charged on the importation of used cars*";

»Dan iġibna għall-ewwel żball li fl-umili opinjoni tal-esponent wettqet l-ewwel onorabbli qorti. Joħroġ mis-sentenza appellata (ara punt 8 tar-riflessjonijiet tal-ewwel onorabbli qorti qrib l-aħħar tas-sentenza), li l-ewwel onorabbli qorti waslet għall-fehma li t-taxxa tas-sisa mħallsa minn Stephen Grech taħt il-Kap. 368 tal-Liġijiet ta' Malta kienet waħda diskriminatorja minħabba l-fatt li l-akkwist ta' vetturi użati ġejjin minn barra minn Malta huma soġġetti għat-taxxa tas-sisa filwaqt li l-akkwist ta' vetturi użati mixtrija minn Malta stess ma humiex soġġetti għal din it-taxxa. Fi kliem ieħor, kienet il-konklużjoni tal-ewwel onorabbli qorti li l-Istat Malti ma setax jimponi taxxa fuq l-importazzjoni ta' vetturi użati għaliex inkella kien ikun qiegħed jiffavorixxi s-suq lokali tal-vetturi użati. B'hekk hija ordnat lill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta biex trodd lura t-taxxa tas-sisa kollha li tħallset minn Stephen Grech;

»Bir-rispett dovut lejn l-ewwel onorabbli qorti din il-konklużjoni hija konċettwalment u ġuridikament żbaljata u hija mibnija fuq intendiment ħażin kemm tal-ġurisprudenza Ewropea in materja u kif ukoll tas-sentenza William Grech *v.* Awtorità għat-Trasport f'Malta *et* deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Settembru 2012;

»Wieħed irid jitlaq li t-taxxa tas-sisa jew tar-reġistrazzjoni tal-vetturi ma hijiex marbuta strettament max-xiri tal-vettura iżda hija marbuta mal-importazzjoni jew mar-reġistrazzjoni ta' vettura f'Malta. Infatti din it-taxxa trid titħallas kull meta xi ħadd ikun irid idaħħal vettura f'Malta, sew jekk din hija ġdida u sew jekk din hija użata. Din hija taxxa li titħallas darba waħda biss mal-importazzjoni tal-vettura. Jiġifieri jekk persuna jkun daħħal f'Malta vettura ġdida jew użata u jkun ħallas it-taxxa tas-sisa fuqha, u aktar tard jiddeċiedi li jbigħha lokalment, l-ebda taxxa tas-sisa ma tkun dovuta;

»Naturalment billi f'Malta m'għandna l-ebda manifattur ta' vetturi, dan ifisser li kull vettura li tinsab f'Malta tħallas fuqha t-taxxa malli din ġiet importata u reġistrata f'Malta;

»Issa kif fuq aċċennat b'riferenza għas-sentenza kontra d-Danimarka, prodott importat malli jirfes f'Malta ma jibqax aktar meqjus bħala prodott barrani iżda jibda jitqies bħala wieħed lokali. Biss però għal-kemm malli l-vettura tiddaħħal f'Malta din tiġi meqjusa bħala prodott lokali ma jfissirx li t-taxxa li tkun tħallset fuqha malli din ġiet reġistrata għandha tiġi minsija jew għandha tiġi meqjusa daqslikieku ma tħallsitx kif sfortunatament jidher li ddeċidiet l-ewwel onorabbli qorti. Kwindi l-ewwel onorabbli qorti qalet ħażin bħala prinċipju li hemm diskriminazzjoni kontra l-artikolu 90 tat-Trattat għaliex il-bejgħ ta' vetturi użati minn Malta ma humiex soġġetti għat-taxxa filwaqt li l-bejgħ ta' vetturi minn barra huma soġġetti għat-taxxa. Dan għas-sempliċi raġuni li vetturi użati f'Malta (li aħna qed inqisuhom bħala prodotti lokali) kienu diġà preċedentement esposti għat-taxxa tas-sisa mal-wasla tagħhom f'Malta. Għalhekk sa fejn tikkonċerna t-taxxa tas-sisa, kemm vetturi użati li jinxtraw minn Malta u kemm vetturi użati li jinxtraw minn barra huma soġġetti għat-taxxa tas-sisa mar-reġistrazzjoni tagħhom. Id-

differenza hija li fil-każ tal-vetturi użati li jinsabu f'Malta t-taxxa tas-sisa tħallset meta huma nġiebu f'Malta bħala ġodda;

»Għaldaqstant bħala punt ta' prinċipju wieħed ma jistax jgħid li fl-2008 meta Stephen Grech ġab il-*Ferrari* kien hemm xi diskriminazzjoni bejn vetturi użati fis-suq lokali u vetturi użati li ġew importati minn barra għaliex it-tnejn li huma kienu soġġetti għat-taxxa tas-sisa kif kontemplata fil-Kap. 368 tal-Liġijiet ta' Malta. Fir-realtà din is-sitwazzjoni għadha hekk sallum anke wara l-emendi miġjuba fl-2009 għaliex anke fil-preżent vetturi użati importati minn barra għadhom iħallsu t-taxxa ta' reġistrazzjoni. L-unika differenza hija li kien hemm bdil fil-formola u firrata tat-taxxa għaliex fejn qabel ir-rata tat-taxxa kienet imsejsa fuq il-kapaċità u ċ-ċilindrata tal-vettura llum ir-rata tat-taxxa hija msejsa fuq l-emissjonijiet, it-tul u t-tip ta' *fuel* tal-vettura;

»Fid-dawl tal-premess l-ewwel onorabbli qorti kienet żbaljata meta qalet li l-kunċett tat-taxxa fuq l-importazzjoni ta' vetturi użati jmur kontra l-artikolu 90 tat-Trattat tal-Komunità Ewropea, għaliex fis-sewwa kemm il-prodott lokali u kemm il-prodott barrani huma soġġetti għaliha. Isegwi għalhekk li l-ewwel onorabbli qorti ma kinitx korretta meta ordnat ir-rifużjoni *in toto* tat-taxxa tas-sisa li ħallas Stephen Grech, daqslikieku l-importazzjoni ta' vetturi użati huma eżenti minn din it-taxxa u b'hekk sa ċertu punt saħansitra privileġġati fuq l-importazzjoni ta' vetturi ġodda li huma soġġetti għat-taxxa. Fil-verità kif sejjer jiġi spjegat aktar 'il quddiem lanqas fil-każ ta' <u>William Grech *v.* Awtorità għat-Trasport f'Malta *et*</u> ma ġiet ordnata r-rifużjoni sħiħa tat-taxxa tas-sisa;

»Għalhekk safejn is-sentenza appellata tista' tiftehem li l-importazzjoni ta' vetturi ma kellhomx ikunu soġġetti għat-taxxa tas-sisa, din hija għal kollox żbaljata u konsegwentement għandha tiġi korretta fis-sens li ma hemm xejn ħażin bħala prinċipju kontra l-artikolu 90 tat-Trattat tal-Komunità Ewropea li stat Malti jimponi taxxa ta' reġistrazzjoni fuq id-dħul ta' vetturi użati ġewwa Malta ġaladarba anke vetturi lokali kienu preċedentement soġġetti għaliha;

»Anzi l-esponenti jissottomettu li kieku wieħed kellu, għall-ġieħ tal-argument biss, jaċċetta l-premessa li wieħed ma jistax jimponi taxxa tas-sisa mar-reġistrazzjoni ta' vetturi użati importati minn barra, dan iwassal għal qagħda diskriminatorja kontra s-suq lokali tal-vetturi użati. Dan peress li dawn il-vetturi użati li jkunu qed jinbigħu fis-suq lokali jkunu ġà ġew intaxxati meta ġew importati bħala ġodda;

»Madanakollu, kif sejjer jiġi muri aktar 'il quddiem, dan mhuwiex il-prinċipju li joħroġ mill-ġurisprudenza tal-qrati tal-Unjoni Ewropea. Infatti l-prinċipju regolatur f'dan il-qasam huwa biss li t-taxxa tas-sisa jew ta' reġistrazzjoni mħallsa fuq l-importazzjoni ta' vettura użata għandha tkun proporzjonata mal-istess rata ta' taxxa li titħallas fuq l-importazzjoni tal-istess vettura bħala ġdida;

»Fuq kollox imbagħad, ma jistax jingħad li l-Gvern Malti għandu xi interess partikolari li jagħti vantaġġi lis-suq lokali tal-vetturi użati għaliex huwa ma jdaħħal l-ebda *revenue* mal-bejgħ tagħhom u lanqas ma jagħti xi valur miżjud lill-ekonomija lokali. Għalhekk assolutament m'hemm ebda raġuni għaliex il-gvern jista' jkollu xi interess li jagħti protezzjoni lis-suq lokali tal-vetturi użati jew li jiddiskrimina favur is-suq lokali kontra dak barrani;

»Il-ġurisprudenza Ewropea dwar it-tassazzjoni fuq vetturi użati

»Dan jeħodna għat-tieni żball kommess mill-ewwel onorabbli qorti. Tabilħaqq huwa bil-wisq evidenti li l-ewwel onorabbli qorti interpretat b'mod ħażin jew forsi ma fehmitx kif suppost il-ġurisprudenza u l-insenjamenti tal-organi ġudizzjarji tal-Unjoni Ewropea dwar din il-materja;

»Fuq dan is-suġġett tal-importazzjoni ta' vetturi użati, il-qrati Ewropej dejjem irritenew li l-artikolu 90 huwa maħsub biex jiżgura n-newtralità assoluta tat-tassazzjoni interna fuq il-kompetizzjoni bejn il-prodotti li jkunu ġa jinsabu fis-suq lokali u prodotti importati (ara Każ C-387/01 Harald Weigel and Ingrid Weigel *v.* Finanzlandesdirektion für Vorarlberg);

»Fid-deċiżjonijiet konġunti C-290/05 u C-333/05, fl-ismijiet Ákos Nádasdi *v.* Vám- és Pénzügyőrség Észak-Alföldi Regionális Parancsnoksága u Ilona Németh *v.* Vám- és Pénzügyőrség Dél-Alföldi Regionális Parancsnoksága rispettivament, ġie mfisser li,

> »"47. According to settled case-law, the first paragraph of Article 90 EC is infringed where the tax charged on the imported product and that charged on the similar domestic product are calculated in a different manner on the basis of different criteria which lead, if only in certain cases, to higher taxation being imposed on the imported product (see Weigel, paragraph 67, and the case-law cited). However, even if the conditions for such direct discrimination are not met, taxation might be indirectly discriminatory as a result of its effects.
>
> »"48. In order to ensure the neutrality of internal taxation in respect of competition between used motor vehicles already on the national market and similar imported vehicles, it is necessary to compare the effects of the registration duty imposed on used vehicles newly imported from a Member State other than the Republic of Hungary with the effects of the residual amount of registration duty affecting similar used vehicles registered in Hungary and which, for that reason, have already been subject to that same duty.
>
> »"… … …
>
> »"51. As regards the criteria which may be used for calculating a tax, the Court observes that, as it currently stands, Community law does not restrict the freedom of each Member State to establish a tax system which differentiates between certain products, even products which are similar within the meaning of the first paragraph of Article 90 EC, on the basis of objective criteria, such as the nature of the raw materials used or the production processes employed. Such differentiation is compatible with Community law, however, only if it pursues objectives which are themselves compatible with the requirements of the Treaty and its secondary legislation, and if the detailed rules are such as to avoid any form of discrimination, direct or indirect, against imports from other Member States or any form of protection of competing domestic products (Outokumpu, paragraph 30).
>
> »"In the context of a system of registration duty, criteria such as engine type, engine capacity and a classification based on environmental considerations constitute objective criteria. They may thus be used in such a system. On the other hand, there is

no requirement that the amount of the duty be linked to the price of the vehicle.

»"However, a registration duty must not burden products originating from other Member States more heavily than similar national products.

»"A new vehicle in respect of which registration duty has been paid in Hungary loses, with time, part of its market value. With the depreciation in value, the amount of registration duty included in the residual value of the vehicle also diminishes. Since it is a used vehicle, it can be sold only for a percentage of its initial value, which contains the residual amount of the registration duty.

»"It is apparent from the files sent to the Court by the national courts that a vehicle of the same model, age, mileage and other characteristics, bought second-hand in another Member State and registered in Hungary, will however attract the full rate of registration duty for that category of vehicle. The duty is thus a heavier burden on imported used vehicles than on similar used vehicles already registered in Hungary which have already borne that duty at an earlier stage.

»"Thus, although the purpose of and reason for the registration are environmental in nature and unrelated to the market value of the vehicle, the consequence of the first paragraph of Article 90 EC is that account must be taken of the depreciation of used vehicles when they are being taxed, since that duty is characterised by the fact that it is charged only once when the vehicle is first registered for use in the Member State concerned and is thus incorporated in that value.

»"It follows from the above considerations that the answer to the questions referred in Case C-290/05, the first part of the third question and the fourth question in Case C-333/05 must be that the first paragraph of Article 90 EC is to be interpreted as precluding a tax such as that imposed by the Law on registration duty in so far as

»"– it is charged on used vehicles when they are first placed in circulation in the territory of a Member State, and

»"– its amount, which is determined exclusively by the vehicles' technical characteristics (engine type, engine capacity) and their environmental classification, is calculated without taking the depreciation of the vehicles into account, in such a way that, when applied to used vehicles imported from other Member States, it exceeds the amount of that duty included in the residual value of similar used vehicles which have already been registered in the Member State of importation."

»Minn din is-silta estensiva meħuda mid-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea joħroġ ċar li l-ewwel paragrafu tal-artikolu 90 jiġi miksur meta r-rata ta' taxxa imposta fuq vetturi użati importati minn barra tkun aktar oneruża meta mqabbla mar-rata ta' taxxa li tkun tħallset fuq vettura li tkun ġiet importata bħala ġdida u li sussegwentement tiġi tifforma parti mis-suq lokali;

»Kif imtenni b'mod kopjuż fil-Każ C-345/93 <u>Fazenda Publica, Ministerio Publico u America Joao Nunes Tadeu</u>, fil-Każ 375/1995 <u>Il-Kummissjoni *v.* Il-Greċja</u>, fil-Każ 393/1998 <u>Ministério Público, Antonio</u>

Gomes Valente and Fazenda Pública, fil-Każ C-47/1998 Il-Kummissjoni *v.* Id-Danimarka u fil-Każ C-313/05 Maciej Brzezinski *v.* Dyrektor Izby Celnej w Warszawie, ilkoll msemmija fis-sentenza appellata, "*It is incompatible with Article 95 (aktar tard artikolu 90) of the Treaty for a Member State to levy on second-hand cars from other Member States a tax which, calculated without taking the vehicle's actual depreciation into account, exceeds the residual tax incorporated in the value of similar second-hand motor vehicles already registered in the national territory, which, having been taxed at the time of such registration, are not taxed when sold second-hand*";

»Dawn il-prinċipji mnissla minn dawn is-sentenzi ġew riassunti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza William Grech *v.* Awtorità għat-Trasport f'Malta *et*, imsemmija aktar kmieni, b'dan il-mod, "il-prinċipju li joħroġ mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea hu li t-taxxa ta' reġistrazzjoni fuq vettura li għandha tant snin m'għandhiex teċċedi l-ammont ta' taxxa (*residual tax*) li jkun inkluż fil-valur ta' vettura simili fis-suq lokali li tkun ilha registrata lokalment għall-istess snin";

»Biex l-esponenti jpoġġi dan kollu fi kliem sempliċi, il-ġurisprudenza Ewropea teżiġi li: -

»• vettura użata li tkun importata minn stat membru tal-Unjoni Ewropea m'għandhiex tkun soġġetta għal taxxa ta' reġistrazzjoni li tkun ogħla minn dik li tkun tħallset minn vettura ġdida simili meta din tkun ġiet reġistrata fit-territorju nazzjonali; u

»• irrispettivament miż-żmien tal-vettura, id-deprezzament tagħha għandu dejjem jiġi kkunsidrat meta wieħed jiġi biex jikkalkula t-taxxa dovuta. Jiġi b'hekk li t-taxxa ta' reġistrazzjoni fuq vetturi użati m'għandhiex tkun fl-istess ammont daqslikieku din kienet ġdida, iżda fit-tħaddim tat-taxxa wieħed għandu dejjem jieħu kont tad-deprezzament tagħha għaliex inkella wieħed jiġi li jħallas aktar taxxa fuq l-importazzjoni ta' vettura użata milli fuq vettura ġdida;

»Fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza, allura l-verifika li suppost kellha tagħmel l-ewwel onorabbli qorti biex tara jekk kienx hemm ksur tal-artikolu 90 jew le, kienet li tistħarreġ jekk Stephen Grech ħallasx rata ta' taxxa ta' sisa fuq il-*Ferrari* aktar oneruża milli kien iħallas li kieku huwa importaha bħala ġdida. Jiġifieri l-ewwel onorabbli qorti kellha tistħarreġ u teżamina jekk il-formola u r-rata tat-taxxa tas-sisa fuq *Ferrari* użata u fuq *Ferrari* ġdida kinux l-istess jew differenti. Jekk ir-rati bejniethom kienu l-istess, b'dana li kienu jieħdu kont ukoll tad-deprezzament tal-vettura allura ma setax ikun hemm ksur tal-artikolu 90 għaliex it-tassazzjoni tkun ugwali. Mill-banda l-oħra jekk jinstab li r-rata ta' taxxa fuq il-Ferrari bħala vettura użata kienet aktar għolja minn dik dovuta fuq il-vettura bħala ġdida bħalma nstab fil-każ ta' William Grech *v.* Awtorità għat-Trasport f'Malta *et*, allura hemmhekk ikun hemm rati diskriminatorji bi ksur tal-artikolu 90. Loġikament f'każ li jinstabu rati diskriminatorji, l-Awtorità tat-Trasport tkun trid tirrifondi lura t-taxxa li tkun tħallset żejjed iżda fi żgur mhux it-taxxa kollha għaliex inkela tinħoloq diskriminazzjoni kontra l-importazzjoni ta' *Ferrari* ġdida;

»B'ċertu dispjaċir, l-ewwel onorabbli qorti għażlet li ma tinvestigax jekk kienx hemm diskrepanzi bejn ir-rati ta' tassazzjoni fuq vetturi użati u vetturi ġodda. Anzi fis-sentenza tagħha hija qalet li, "L-argument tal-

konvenut illi vettura *second hand* mibjugħa Malta xi darba kienet ġdida ma jgħoddx għall-każ tal-lum". Għaldaqstant huwa ċar li l-pedament kollu li fuqu l-ewwel onorabbli qorti bniet is-sejbien tad-diskriminazzjoni jaqa' kollu fix-xejn. Dan inkwantu biex l-ewwel onorabbli qorti setgħet issib diskriminazzjoni mil-lenti tal-artikolu 90 tat-Trattat, hija kellha tabilfors tqabbel ir-rati ta' tassazzjoni applikabbli fuq il-*Ferrari* mixtrija minn Stephen Grech l-ewwel bħala vettura ġdida u imbagħad bħala vettura użata. Peress li l-ewwel onorabbli qorti dan l-eżerċizzju komparattiv m'għamlitux, probabilment għaliex ma qabbditx sew is-sinjifikat tal-ġurisprudenza Ewropea u dik ta' William Grech *v.* Awtorità għat-Trasport f'Malta *et*, hija ma setgħetx tasal għall-konklużjoni li t-taxxa tas-sisa li ħallas Stephen Grech kienet aktar oneruża u kwindi diskriminatorja meta mqabbla mat-taxxa li tħallset fuq prodott lokali li huwa simili;

»Għal din ir-raġuni wkoll allura s-sentenza tal-ewwel onorabbli qorti fejn tikkonċerna t-taxxa tas-sisa maħduma skont il-Kap. 368 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha tiġi mwarrba u riformata;

> »Fil-każ konkret Stephen Grech ma ġiex kostrett iħallas taxxa żejda biex irreġistra l-*Ferrari* użata

»F'dan l-istadju, biex naraw jekk Stephen Grech ġiex espost għal taxxa li hija diskriminatorja wieħed jeħtieġ illi jgħarbel jekk hemmx differenzi bejn ir-rata ta' tassazzjoni li titħallas fuq *Ferrari 328 GTB* bħala ġdida u r-rata li titħallas fuq l-istess vettura bħala użata;

Aktar kmieni fil-parti introduttiva ta' dan ir-rikors tal-appell spjegajna li fl-2008 it-taxxa tas-sisa kienet tinħadem fuq il-formola segwenti:

»Il-valur ta' reġistrazzjoni tal-vettura
abbażi ta' *cost*, *insurance* u *freight*

×

Il-perċentaġġ atrribwibbli għall-kategorija taħt
liema l-vettura ġiet ikklassifikata skont l-Ewwel Skeda

\+

18% *VAT*

»Din il-formola kienet l-istess kemm għall-vetturi ġodda u kif ukoll għall-vetturi użati;

»Issa skont l-artikolu 9 tal-Kap. 368 tal-Liġijiet ta' Malta, kif fuq imfisser, il-valur tar-reġistrazzjoni kien jinħadem fuq l-ogħla valur bejn il-valur indikat fil-*UK Glass Book* jew il-valur li jkun jidher fil-fattura (*invoice*) li biha tkun inġabet il-vettura. Għalhekk il-valur ta' reġistrazzjoni kien jiġi msejjes fuq il-prezz attwali jew kurrenti tal-vettura meta din tkun iddaħħlet ġewwa Malta. Jiġifieri jekk il-vettura tkun ġdida allura l-valur tar-reġistrazzjoni tagħha kien ikun maħdum fuq il-valur tagħha bħala ġdida filwaqt li jekk il-vettura tkun waħda użata l-valur tagħha kien jinħadem fuq il-valur tagħha bħala waħda użata. Kwindi b'ħarsien tal-ġurisprudenza Ewropea l-liġi Maltija kienet tqis id-deprezzament fil-valur tal-vettura użata;

»Illi f'dan il-każ partikolari, bħala valur tar-reġistrazzjoni, l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta qagħdet fuq l-*invoice* stess ippreżentata minn Stephen Grech. Jiġifieri t-taxxa tas-sisa nħadmet fuq il-prezz

stess li bih Stephen Grech kien xtara l-vettura użata. Għalhekk ma jistax jingħad li l-valur tar-reġistrazzjoni ma kienx dak attwali tal-vettura fil-mument tal-importazzjoni, bħalma lanqas ma jista' jingħad li fil-valur tar-reġistrazzjoni l-Awtorità ma qisitx d-deprezzament tal-vettura ladarba hija straħet fuq il-prezz sborsat minn Stephen Grech innifsu biex xtara l-vettura inkwistjoni;

»Hekk li stabbilejna li l-valur ta' reġistrazzjoni ta' vettura ġdida jew użata jiddependi fuq il-valur attwali tal-vettura fil-mument tal-importazzjoni, naraw issa jekk *Ferrari* ġdida u użata jaqgħux taħt kategoriji diferenti fl-Ewwel Skeda tal-Kap. 368 tal-Liġijiet ta' Malta. Aktar 'il fuq għidna li l-*Ferrari* mixtrija minn Stephen Grech kellha ċilindrata ta' 3185 cc. Issa skont l-Ewwel Skeda mehmuża mal-liġi, vettura sew ġdida jew użata li taqbeż iċ-ċilindrata ta' 2000 cc, skont il-*Vera Code Number 1.032.755*, hija suġġetta għar-rata ta' 75% tal-valur ta' reġistrazzjoni. Jiġifieri kemm jekk il-*Ferrari* tkun ġdida u sew jekk inhi użata r-rata perċentwali tat-taxxa hija l-istess ta' 75% fuq il-valur ta' reġistrazzjoni;

»Għaldaqstant mis-suespost joħroġ ċar li l-formola u r-rata ta' tassazzjoni bejn *Ferrari* ġdida u *Ferrari* użata taħdem bl-istess mod u manjiera mingħajr diskriminazzjoni. Tabilħaqq l-ugwaljanza *pro rata* tat-tassazzjoni toħroġ mill-fatt li fil-każ ta' *Ferrari* ġdida r-rata ta' 75% tiġi kkalkulata fuq il-valur tal-*Ferrari* bħala vettura ġdida filwaqt lil fil-każ ta' *Ferrari* użata r-rata ta' 75% tiġi kkalkulata fuq il-valur tal-*Ferrari* bħala vettura użata;

»Jiġi allura li Stephen Grech meta ġie mitlub biex iħallas it-taxxa tas-sisa fl-ammont totali ta' €25,794 ma ħallasx aktar taxxa tas-sisa fuq il-*Ferrari* użata milli kien iħallas li kieku huwa importaha bħala ġdida. Fl-isfond ta' dan kollu, it-taxxa tas-sisa li ħallas Stephen Grech ma tistax tiġi meqjusa bħala waħda diskriminatorja li tmur kontra l-artikolu 90 tat-Trattat tal-Kommunità Ewropea. Dan għas-sempliċi raġuni li r-rata ta' taxxa bejn *Ferrari* ġdida u *Ferrari* użata hija ta' 75% għat-tnejn u kif ukoll għaliex il-valur meħud għall-vettura huwa dejjem dak kurrenti, b'dana li s-sistema Maltija tieħu kont tad-deprezzament tal-istess vettura minħabba l-mogħdija taż-żmien;

»Minn dan l-aspett is-sistema Maltija ma tistax tiġi mqabbla mas-sistemi oħrajn Ewropej li kienu soġġetti għall-proċeduri ġudizzjarji quddiem il-qrati tal-Unjoni Ewropea u li fihom instab li s-sistema kienet tiddiskrimina bejn vetturi ġodda u użati. Biex l-esponenti jagħtu ftit eżempji, huma ħa jirreferu għas-sentenzi Ewropej imsemmija *en passant* fis-sentenza appellata;

»Nitilqu bil-każ C-345/93 fl-ismijiet <u>Fazenda Pública, Ministério Público v. Américo João Nunes Tadeu</u>. Dak iż-żmien skont is-sistema Portugiża r-rata taxxabbli ta' vetturi użati ma kinitx tinħadem fuq il-valur kurrenti tagħha fil-mument tal-importazzjoni (kif inhi fil-liġi tagħna) iżda kienet tinħadem fuq il-valur tagħha daqslikieku kienet ġdida iżda mnaqqsa b'10%. Propriju għalhekk f'dik is-sentenza ntqal hekk: -

> »"In that context, it is common ground that in the case of imported second-hand vehicles, the tax charged under the decree-law may not be less than 90% of the tax charged on a new car regardless of their age or condition, whereas the residue of the tax incorporated in the value of a second-hand car purchased in the

> national territory may be less than that since the residual value of the tax diminishes proportionately with the vehicle's depreciation.
>
> »"As a result, a motor vehicle tax on imported second-hand vehicles which is not less than 90% of the tax charged on new cars is manifestly excessive for those vehicles compared with the residue of the tax in second-hand vehicles already registered, and purchased on the Portuguese market."

»Hekk ukoll fis-sentenza C-393/98 fl-ismijiet <u>António Gomes Valente *v.* Fazenda Pública</u>, kuntrarjament għall-pożizzjoni taħt il-liġi Maltija, is-sistema fiskali Portugiża kif emendata wara l-każ ta' <u>Américo João Nunes Tadeu</u> xorta ma baqgħetx tieħu kont tad-deprezzament fil-valur tal-vetturi użati għaliex ir-rata taxxabbli xorta baqgħet tinħadem fuq il-valur tal-vettura daqslikieku kienet ġdida, bid-differenza iżda li jekk il-vettura kienet ilha fiċ-ċirkolazzjoni għal bejn sena u sentejn dak il-valur jitnaqqas bi 18%, jekk bejn sentejn u tliet snin dak il-valur jitnaqqas b'24%, jekk bejn tlieta u erba' snin dak il-valur jitnaqqas bi 32%, jekk bejn erba' u ħames snin dak il-valur jitnaqqas b'41%, jekk bejn ħamsa u sitt snin dak il-valur jitnaqqas b'49%, jekk bejn sitta u seba' snin dak il-valur jitnaqqas b'55%, jekk bejn seba' u tmien snin dak il-valur jitnaqqas b'61% u jekk il-vettura tkun ilha aktar minn tmien snin il-valur taxxabbli jitnaqqas b'67%;

»B'kuntrast ma' din is-sistema fiskali Portugiża, fis-sistema Maltija l-valur taxxabbli fil-vetturi użati, kif fuq espost, jinħadem dejjem skont il-valur attwali tagħha u mhux abbażi tal-valur oriġinali tal-vettura meta din kienet għada ġdida mnaqqas gradwalment skont kemm tkun ilha barra l-vettura. Għalhekk il-paragun ma' din is-sistema Portugiża ma jistax isir;

»Ngħaddu għall-każ C-47/1988 <u>Il-Kummissjoni *v.* Id-Danimarka</u>. F'din is-sentenza l-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja sabet ksur għaliex fuq vetturi użati kienet titħallas taxxa eċċessiva b'dana li t-tassazzjoni interna kienet qed tiffavorixxi l-bejgħ ta' vetturi użati ġà reġistrati lokalment. Infatti fil-każ ta' vetturi użati importati minn stat membru ieħor, it-taxxa kienet tinħadem fuq il-valur tal-vettura mhux bħala vettura użata iżda daqslikieku kienet ġdida. Fl-ispeċifiku, simili ħafna għal kif kienet is-sistema Portugiża, taħt ir-reġim fiskali Daniż jekk il-vettura użata kienet ilha barra inqas minn sitt xhur allura l-valur taxxabbli kien ta' 100% tal-prezz tal-vettura bħala ġdida filwaqt li jekk il-vettura użata kienet ilha aktar minn sitt xhur allura l-valur taxxabbli (irrispettivament kemm il-vettura hija qadima) kien ta' 90% tal-prezz tal-vettura bħala ġdida. Ifisser dan li t-*taxable value* fil-każ ta' vetturi użati ma kienx imsejjes fuq il-valur attwali tal-vettura u ma kienx jieħu kont tad-deprezzament tagħha;

»Allura b'dan il-mod vetturi użati ġà reġistrati fis-suq lokali kienu qegħdin jiġu vantaġġati għaliex ikunu ħallsu rata inqas ta' taxxa meta ġew reġistrati fil-pajjiż. F'Malta kif fuq imfisser is-sistema fiskali tas-sisa kienet totalment differenti għaliex fuq vettura użata l-valur taxxabbli mhuwiex imsejjes fuq il-vettura daqslikieku kienet ġdida iżda fuq il-valur attwali tagħha fil-mument tal-importazzjoni tagħha;

»Fl-aħħarnett fil-każ 375/1995 <u>Il-Kummissjoni *v.* Ir-Repubblika tal-Greċja</u> nstab li kien hemm trattament differenzjat għaliex it-taxxa ma kinitx ibbażata fuq il-valur attwali tal-vettura iżda fuq kemm kienet qadima l-vettura. Allura jekk vettura kienet qadima ħafna seta' jiġri l-

każ li din tkun soġġetta għal taxxa li teċċedi l-valur taxxabbli li kieku kienet ġdida. Tabilħaqq bħala rati skont is-sistema Griega, il-valur taxxabbli tal-vettura kien dejjem dak bħala ġdida iżda jekk il-vettura kienet ilha bejn 6 xhur u 12-il xahar barra kien hemm tnaqqis ta' 7% fuq il-valur taxxabli u jekk kienet ilha aktar barra kien hemm riduzzjoni ta' 14% fuq il-valur tal-vettura bħala ġdida. Anke hawnhekk is-sistema Griega ma kinitx tqis id-deprezzament tal-vettura u bħala punt ta' tluq kienet dejjem tieħu l-valur tal-vettura bħala ġdida – dan għal darb'oħra b'kuntrast għas-sistema Maltija;

»In riassunt allura s-sentenzi kollha msemmija fis-sentenza appellata għalkemm m'hemmx dubju li jixħtu dawl importanti ħafna fuq kif għandu jiġi interpretat l-artikolu 90 *vis-à-vis* it-taxxa ta' reġistrazzjoni fuq vetturi użati, min-naħa l-oħra però ma jfissirx li għax f'dawk il-każijiet instab trattament differenti allura dan jimplika tabilfors li anke s-sistema Maltija kienet diskriminatorja. Tassew ir-reġimi fiskali mistħarrġa f'dawk is-sentenzi huma għal kollox differenti minn dik Maltija viġenti fi żmien tal-importazzjoni tal-*Ferrari* mill-appellat Stephen Grech. Dan għaliex f'dawk is-sistemi esteri l-valur taxxabbli ma kienx jinħadem fuq il-valur rejali u attwali tal-vettura fiż-żmien tal-importazzjoni iżda kien dejjem jinħadem fuq il-vettura bħala ġdida. Diversament fis-sistema tagħna, kif ġie spjegat, il-valur taxxabbli dejjem jiġi maħdum skont il-valur tal-vettura mal-mument tal-importazzjoni tagħha. Għalhekk f'każ ta' vettura użata l-valur taxxabbli ma jiġix ikkakulat bħala punt ta' tluq fuq il-valur oriġinali tagħha kif hekk kien jiġri fis-sistemi Portugiża, Daniża u Griega, iżda fil-każ lokali Malti l-valur tal-vettura użata huwa msejjes jew fuq il-valur stess dikjarat minn dak li jirreġistra l-vettura jew il-valur indikat fil-*UK Glass Book*;

»Appuntu f'dan il-każ, l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta bħala valur taxxabbli ħadet il-prezz stess li bih Stephen Grech xtara l-*Ferarri* mill-Ingilterra. Kwindi la ttieħed dan il-prezz bħala l-valur taxxabli huwa ovvju li ttieħed kont ukoll tad-deprezzament tal-vettura. Jinżel allura li fi żmien ta' meta Stephen Grech importa l-*Ferrari* f'Malta u ħallas it-taxxa tas-sisa, ma seħħ xejn kontra l-liġijiet Ewropej billi t-taxxa li huwa ħallas fuq il-vettura tiegħu kienet ibbażata fuq il-valur rejali u kurrenti tagħha;

»Fiċ-ċikostanzi għalhekk ladarba l-kriterji li fuqhom skont il-Kap. 368 tal-Liġijiet ta' Malta kien jinħadem il-valur ta' reġistrazzjoni tal-*Ferrari* inkwistjoni kien identiku kemm jekk din kienet ġdida u kemm jekk din kienet użata, allura wieħed ma jistax jitkellem fuq diskriminazzjoni jew fuq xi trattament privileġġjat lejn il-vetturi lokali għaliex il-valur tar-reġistrazzjoni jinħadem bl-istess mod skont il-valur kurrenti. Kwindi ma hemm l-ebda kwistjoni ta' taxxa jew differenza residwali għaliex Stephen Grech ma ħallasx taxxa fuq il-*Ferrari* użata aktar milli kien iħallas li kieku ġabha ġdida;

»Għaldaqstant ladarba t-taxxa tas-sisa li ħallas Stephen Grech ma kinitx diskriminatorja u leżiva tal-artikolu 90 tat-Trattat tal-Komunità Ewropea, allura l-ewwel onorabbli qorti kienet inkorretta meta sabet ksur u ordnat ir-rifużjoni sħiħa ta' din it-taxxa;

»Distinzjoni mill-każ ta' <u>William Grech *et v.* Awtorità għat-Trasport f'Malta *et*</u>

»Naturalment f'dan l-istadju wieħed tabilfors jistaqsi, jekk f'dan il-każ qiegħed jingħad li r-rati li ħallas Stephen Grech fuq il-*Ferrari* użata ma

kinux diskriminatorji, allura għaliex fil-każ ta' William Grech fuq riferit instab li kien hemm diskriminazzjoni u l-Gvern għażel li ma jappellax minn dik is-sentenza?

»It-tweġiba għal din il-mistoqsija hija sempliċi għaliex ir-rata tat-taxxa li ħallas William Grech fuq it-tip tal-vettura li kien xtara kienet differenti min dik tallum. F'dak il-każ William u Anna Grech kienu xtraw bl-*internet* fl-irkant pubbliku internazzjonali vettura *second hand* tat-tip *Land Rover Freelander* mudell *TD4 GS* manifatturata fl-2002, reġist-rata fir-Renju Unit. Illi din il-vettura kellha makna b'kapaċità ta' bejn 1800 cc u mhux iktar minn 2000 cc. Issa skont l-Ewwel Skeda vettura ta' din il-kapaċità kienet taqa' fil-*Vera Code Number 1.032.484* li kien jispeċifika li r-rata tat-taxxa għal vettura ġdida u użata hija ta' 65% fuq il-valur ta' reġistrazzjoni iżda fil-każ ta' vettura użata t-taxxa ma tistax tkun inqas minn Lm4,200 jew €9,783;

»Jiġifieri skont l-Ewwel Skeda fil-każ tal-vettura importata minn William u Anna Grech, irrispettivament ta' kemm kienet il-valur tal-vettura użata importata, kellu jitħallas minimu ta' taxxa ta' sisa ta' Lm4,200 jew €9,783. Dan diġà huwa differenti mill-każ tal-*Ferrari* importata minn Stephen Grech għaliex fil-każ tiegħu l-vettura kienet taqa' taħt il-*Vera Code Number 1.032.755* u dan ma kienx jispeċifika minimu ta' taxxa li kelha titħallas fil-każ ta' vettura użata;

»Lura għall-każ ta' William Grech *et*, il-valur tal-*Land Rover* kien stmat fl-ammont ta' Lm3,053 skont il-*UK Glass Book*. Allura jekk skont l-Ewwel Skeda tal-Kap. 368 tal-Liġijiet ta' Malta din il-vettura kienet tattira rata ta' taxxa ta' 65% allura suppost it-taxxa tas-sisa kellha tkun ta' Lm1,984.45 (Lm3,053 × 65%). Biss però t-taxxa li kellhom iħallsu William u Anna Grech kienet ta' Lm4,200. Dan minħabba li l-liġi fil-*Vera Code Number 1.032.484* kienet tipprovdi għal minimu ta' taxxa ta' Lm4,200 pagabbli irrispettivament mill-valur tal-vettura. Ġustament l-ewwel onorabbli qorti sabet li,

> »"l-imposizzjoni ta' ammont ta' Lm4,200 bħala taxxa minima ta' reġistrazzjoni fil-każ ta' vetturi *second hand* b'makna b'kapaċità ta' bejn 1800 cc u mhux iktar minn 2000 cc u impurtati f'Malta, irris-pettivament mit-taxxa li kellha titħallas bħala persentaġġ tal-valur *ad valorem* skond l-stima li tagħmel l-Awtorità, hu biżżejjed biex jiġi ddikjarat li l-liġi Maltija kellha effett li tiddiskrimina fir-rigward ta' vetturi *second hand* li jiġu impurtati minn pajjiżi membri tal-Unjoni Ewropea. Biżżejjed li wieħed jiftakar li f'dan il-każ l-istima tal-valur tal-vettura li għamlet l-Awtorità kienet ta' Lm3,053 u l-attur intalab li jħallas taxxa ta' reġistrazzjoni ta' Lm4,200, ċjoè Lm1,147 iktar milli tiswa l-vettura. Għalhekk l-imposizzjoni fuq l-importatur ta' taxxa minima ta' Lm4,200 irrispettivament tal-valur tal-vettura, kien imur kontra l-obbligu li jimponi l-artikolu 90";

»Abbażi ta' dan ir-raġunament dik il-qorti ddeċidiet li l-Awtorità għat-Trasport f'Malta kellha tħallas lura t-taxxa ta' reġistrazzjoni żejda mħallsa mill-atturi William u Anna Grech, ċjoè mit-taxxa ta' reġistrazz-joni fl-ammont ta' €9,783.36 (Lm4,200), kellhom jiġu ritornati lura l-ammont ta' €5,160.84 (Lm2,215.55) imħallsin żejjed. … … …

»Dan premess id-distinzjoni bejn is-sentenza ta' Stephen Grech u dik ta' William Grech hija lampanti u pależi. L-ewwelnett fis-sentenza ta' William Grech, kuntrarjament għal dak li seħħ f'dik ta' Stephen Grech,

il-qorti ma ordnatx ir-rifużjoni kollha tat-taxxa tas-sisa iżda dik biss li tħallset in eċċess biex tilħaq il-minimu kontemplat fil-liġi;

»It-tieni nett, totalment differenti mill-każ ta' William Grech, f'dan il-każ Stephen Grech ma ġiex kostrett iħallas aktar taxxa biex jilħaq xi ammont minimu indikat fil-liġi iżda t-taxxa tas-sisa li ħallas Stephen Grech kienet tirrappreżenta fedelment it-taxxa ta' reġistrazzjoni fuq il-valur tal-vettura. Infatti kulma ħallas Stephen Grech huwa 75% fuq il-valur tal-vettura tiegħu bl-istess mod *pro rata* bħalma titħallas għall-vettura ġdida. *Ergo* d-differenza ewlenija bejn dawn iż-żewġ każijiet hija li William u Anna Grech ġew kostretti jħallsu taxxa aktar fuq il-*Land Rover* użata milli kieku l-vettura tagħhom kienet ġdida minħabba li ġew mitluba jħallsu sal-minimu ta' taxxa indikat fil-liġi, filwaqt il Stephen Grech ma ġiex kostrett iħallas taxxa żejda iżda ħallas *pro rata* bħalma wieħed iħallas għall-*Ferrari* ġdida;

»Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imfissra l-ewwel onorabbli qorti fil-każ tagħna ma interpretatx korrettement il-każ ta' <u>William Grech *et v.* Awtorità għat-Trasport f'Malta *et*</u> u waslet għall-konklużjoni ħażina meta sabet leżjoni f'dan il-każ abbażi ta' din is-sentenza. Tabilħaqq li kieku l-ewwel onorabbli qorti applikat korrettement il-ġudikat ta' din is-sentenza hija ma kinitx isib leżjoni jew illegalità fl-ammont ta' taxxa ta' sisa mħallas minn Stephen Grech għaliex dan tal-aħħar ma ġiex imġiegħel iħallas taxxa fuq il-vettura tiegħu aktar milli kieku kienet ġdida;

»Dan huwa motiv ieħor il-għala s-sentenza tal-ewwel onorabbli qorti timmerita li tiġi revokata f'dik il-parti li tikkonċerna t-taxxa tas-sisa;

> »Id-deċiżjoni tal-ewwel onorabbli qorti li ordnat r-rifużjoni tat-taxxa tas-sisa fl-intier tagħha hija diskriminatorja fiha nnifisha għaliex tipprivileġġa l-importazzjoni ta' vetturi użati fuq vetturi użati lokali

»B'konnessjoni ma' dak kollu li ntqal aktar 'il fuq, l-effett konsegwenz-jali tad-deċiżjoni aħħarija tal-ewwel onorabbli qorti li tordna r-radd lura tat-taxxa kollha tas-sisa, mhux talli kienet żbaljata legalment u fattwal-ment peress li kif ġie muri Stephen Grech ma ħallasx taxxa żejda, iżda talli din id-deċiżjoni tinduċi għal sitwazzjoni ta' diskriminazzjoni favur l-importazzjoni ta' vetturi użati. Dan għaliex kif iddeċidiet l-ewwel onor-abbli qorti hija eżentat għal kollox lil Stephen Grech mill-ħlas tat-taxxa tas-sisa minn fuq l-importazzjoni tal-*Ferrari* użata;

»Bilkemm għandu għalfejn jingħad, din id-deċiżjoni hija inkongruwa mas-sens tal-artikolu 90 tat-Trattat tal-Kommunità Ewropea u mal-mod ta' kif din id-dispożizzjoni ġiet interpretata mill-qrati Ewropej. Tassew mhuwiex loġiku li wieħed li jġib vettura ġdida minn barra jeħtieġ li jħallas it-taxxa tas-sisa mentri xi ħadd li jġib vettura użata minn barra huwa eżentat mill-ħlas ta' din it-taxxa;

»Diversament, is-sens loġiku li jrid jingħata lin-normi Ewropej u l-ġurisprudenza dwar dan is-suġġett huwa li importatur m'għandux jiġi mġiegħel iħallas taxxa ta' reġistrazzjoni jew ta' sisa fuq vettura użata li tkun aktar għolja u oneruża mit-taxxa li jħallas wieħed li kieku huwa ġab l-istess vettura bħala ġdida;

»Għalhekk l-ewwel onorabbli qorti kienet assolutament żbaljata meta eżentat għall-kollox lill-vetturi użati mill-ħlas tat-taxxa tas-sisa, peress li b'dan il-mod hija tat vantaġġ inġustifikat fuq l-importazzjoni ta' vetturi

użati għad-dannu u bi ħsara għall-vetturi użati li ġa huma reġistrati fit-territorju Malti u li jkunu ħallsu t-taxxa tas-sisa. Dan biex ma jingħadx ukoll l-effetti negattivi li deċiżjoni bħal din tista' toħloq fuq il-politika ambjentali tal-pajjiż;

»Kwindi fiċ-ċikorstanzi pekuljari ta' dan il-każ tal-*Ferrari* importata mir-Renju Unit, tħares minn fejn tħares, id-deċiżjoni tal-ewwel onorabbli qorti dwar ir-rifużjoni tat-taxxa tas-sisa favur l-appellat Stephen Grech mhijiex waħda xierqa kemm fattwalment u anke ġuridikament. B'hekk hija l-fehma meqjusa tal-esponenti li din l-onorabbli Qorti tal-Appell għandha tirrevoka din is-sentenza dwar dan l-aspett tat-taxxa tas-sisa.«

10. Il-kwistjoni f'dan il-każ hija jekk is-sistema tat-taxxa ta' reġistrazzjoni joħloqx diskriminazzjoni bejn is-suq ta' vetturi użati miġjuba minn barra u vetturi użati li ġà jinsabu fis-suq malti, b'mod li jagħti vantaġġ kompetitiv lis-suq malti. Kif sewwa jgħidu l-konvenuti l-fatt li f'Malta ma jinbnewx vetturi ġodda ma huwiex relevanti għall-każ tallum għax il-paragun għandu jsir mhux bejn vetturi ġodda mibnija f'Malta u vetturi ġodda mibnija barra u miġjuba Malta, iżda bejn vetturi użati miġjuba minn barra u vetturi użati li ġà jinsabu fis-suq malti[4].

11. Għandu jingħad illi t-taxxa ta' reġistrazzjoni (jew taxxa tas-sisa, kif kienet tissejjaħ fiż-żmien relevanti) fuq vetturi ma hijiex taxxa ta' im-portazzjoni għax titħallas mhux fuq id-dħul ta' vettura f'Malta iżda fuq ir-reġistrazzjoni tagħha f'Malta[5]. Ma huwiex għalkollox korrett dak li

---

4 Ara Kummissjoni *v.* Id-Danimarka, Q.Ġ.U.E. C-47/88:

"17. … … …the fact that there is no Danish production of motor vehicles does not signify that Denmark has no used-vehicle market. A product becomes a domestic product as soon as it has been imported and placed on the market. Imported used cars and those bought locally constitute similar or competing products. Article 95 [wara art. 90. illum art. 110] therefore applies to the registration duty charged on the importation of used cars".

5 Ara Ákos Nádasdi (C-290/05) *v.* Vám- és Pénzügyőrség Észak-Alföldi Regionális Parancsnoksága, Ilona Németh (C-333/05) *v.* Vám- és Pénzügyőrség Dél-Alföldi Regionális Parancsnoksága, Q.Ġ.U.E. każijiet magħquda C-290/05 u C-333/05:

"37. By its first question, the national court is essentially asking whether a tax such as that imposed by the Law on registration duty constitutes a customs duty on imports or a charge having equivalent effect within the meaning of Articles 23 EC and 25 EC. … … …

jgħidu l-konvenuti li "stati membri kienu ħielsa (u għadhom ħielsa sal-lum) li jintaxxaw l-importazzjoni ta' vetturi mingħajr limitazzjoni". Dak li qiegħed jiġi intaxxat huwa r-reġistrazzjoni, mhux l-importazzjoni.

12. Relevanti wkoll huwa l-kunċett ta' "taxxa residwali" (*residual tax*).

13. Essenzjalment dan ifisser illi meta tinbigħ vettura li ġà kienet fis-suq malti, u għalhekk issa hija vettura użata, fil-prezz hemm element ta' taxxa li kienet tħallset meta l-vettura ġiet reġistrata l-ewwel darba f'Malta. Fi kliem ieħor, meta l-vettura ġiet reġistrata l-ewwel darba tħallset it-taxxa ta' reġistrazzjoni. Il-valur globali tal-vettura f'dak il-waqt huwa l-prezz *c.i.f.* li bih inxtrat *plus* it-taxxa ta' reġistrazzjoni. Hekk kif il-vettura tibda tintuża l-valur globali tagħha jibda jaqa', u bl-istess proporzjon li bih jaqa' l-valur globali taqa' wkoll dik il-parti tal-valur li kienet it-taxxa ta' reġistrazzjoni. Għalhekk min jixtri l-vettura f'dan il-waqt ikun qiegħed iħallas prezz imnaqqas li jikkomprendi fih dik il-parti li tikkorrespondi għat-taxxa ta' reġistrazzjoni oriġinali mnaqqsa bl-istess proporzjon, *viz.* it-"taxxa residwali".

---

"38. A tax such as the registration duty is not a customs duty in the strict sense.

"39. As regards the question whether that duty is a charge having equivalent effect, it is settled case-law that any pecuniary charge, whatever its designation and mode of application, which is imposed unilaterally on goods by reason of the fact that they cross a frontier, and which is not a customs duty in the strict sense, constitutes a charge having equivalent effect within the meaning of Articles 23 EC and 25 EC.

"40. A tax such as that imposed by the Law on registration duty is not levied by reason of a vehicle crossing the frontier of the Member State imposing that tax but upon first registration of the vehicle in the territory of that State for the purpose of being placed in circulation.

"41. Such a tax comes under the general system of internal taxation on goods and must therefore be examined in the light of Article 90 EC.

"42. Consequently, the answer to the first [question] must be that a tax such as that imposed by the Law on registration duty, which does not apply to private motor vehicles by reason of the fact that they cross the frontier, does not constitute a customs duty on imports or a charge having equivalent effect within the meaning of Articles 23 EC and 25 EC."

14. Biex l-argument ikun aktar ċar: jekk għall-eżempju ġiet reġistrata għall-ewwel darba vettura li l-prezz tagħha *c.i.f.* kien €100,000 u tħallset taxxa ta' reġistrazzjoni ta' €75,000, mela l-valur globali tagħha jiġi €175,000. Jekk wara tant snin il-valur tagħha niżel bin-nofs, u ġiet tiswa €87,500, u tinbigħ b'dak il-prezz, il-prezz jiġi li huwa magħmul minn €50,000 valur tal-vettura nfisha u €37,500 "taxxa residwali". Min jixtriha jiġi li jkun ħallas "taxxa residwali" ta' €37,500 inkluża fil-prezz.

15. Mela l-fatt illi minn jixtri vettura użata li ġà kienet fis-suq Malti ma jerġax iħallas taxxa ta' reġistrazzjoni ma jfissirx illi huwa vantaġġjat għax ma jħallasx dik it-taxxa lill-awtoritajiet; effettivament it-taxxa kien ġà ħallasha min irreġistra l-vettura f'Malta l-ewwel darba, u min jixtri l-vettura użata qiegħed iħallas dik it-taxxa – issa mnaqqsa kif tnaqqas il-valur globali tal-vettura – bħala parti mill-prezz.

16. Min idaħħal vettura użata minn barra jkun hu li jħallas it-taxxa ta' reġistrazzjoni għall-ewwel darba. Jekk ikun imġiegħel iħallas dik it-taxxa fuq il-valur tal-vettura bħallikieku ġdida, jew fuq valur aktar milli tiswa l-vettura għax ma jingħatax qies sew tad-deprezzament min-ħabba l-użu – bħal ma ġara fil-każ ta' William Grech *et v.* Awtorità għat-Trasport f'Malta *et* –, jiġi żvantaġġjat meta mqabbel ma' min ikun xtara vettura użata bħalha li iżda ġà kienet fis-suq Malti. Jekk iżda t-taxxa bl-istess rata jħallasha fuq il-valur imnaqqas li jikkorrespondi tassew għall-valur reali tagħha bħala vettura użata, ma jkunx qiegħed iħallas aktar bħala taxxa mit-"taxxa residwali" li kien iħallas bħala parti

mill-prezz kieku l-vettura xtraha użata mis-suq Malti flok daħħalha minn barra.

17. Għalhekk, konformement ma' dak deċiż fis-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ċitati mill-konvenuti, ksur tal-art. 90 (illum art. 110) tat-Trattat iseħħ biss jekk it-taxxa ta' reġistrazzjoni tkun ogħla – għax maħduma fuq valur minfuħ li ma jikkorrespondix għall-valur reali tal-vettura bħala użata – mit-"taxxa residwali" li kienet tkun parti mill-prezz li kien jitħallas li kieku l-istess vettura nxtrat fis-suq domestiku.

18. Fil-każ tallum it-taxxa nħadmet mhux fuq il-valur tal-vettura bħala ġdida, u lanqas fuq valur li, għalkemm imnaqqas, xorta huwa ogħla minn kemm tiswa tassew il-vettura, iżda nħadmet fuq valur li jikkorrespondi mal-prezz li tassew ħallas l-attur, u bl-istess rata. Għalhekk it-taxxa li ħallas l-attur ma kinitx aktar mit-"taxxa residwali" li kien iħallas bħala parti mill-prezz li kieku l-vettura xtraha fis-suq Malti.

19. Il-konklużjoni għalhekk hija li qalet ħażin l-ewwel qorti meta qalet illi "bl-imposizzjoni tat-taxxa tas-sisa … fuq il-prodott li ġie mill-UE kien qiegħed jieħu vantaġġ prodott tal-istess ġeneru fis-suq lokali".

20. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata: tikkonfermaha fejn laqgħet it-talbiet tal-attur relativi għat-taxxa fuq il-valur miżjud, tħassarha fil-bqija u tiċħad it-talbiet tal-attur safejn dawn jolqtu t-taxxa tar-reġistrazzjoni (jew taxxa tas-sisa).

21. L-ispejjeż tal-ewwel grad jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet; dawk tal-appell iħallashom l-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>Aġent President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Joseph Azzopardi<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb